

DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ (PESK) 2015/969

tad-19 ta' Ġunju 2015

li testendi l-mandat tal-Kap tal-Missjoni tal-Unjoni Ewropea għall-Istat tad-Dritt fil-Kosovo ⁽¹⁾
(EULEX KOSOVO)

IL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u b'mod partikolari t-tielet paragrafu tal-Artikolu 38 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Azzjoni Konġunta tal-Kunsill 2008/124/PESK tal-4 ta' Frar 2008 dwar il-Missjoni tal-Unjoni Ewropea għall-Istat tad-Dritt fil-Kosovo, EULEX KOSOVO ⁽²⁾ u b'mod partikolari l-Artikolu 12(2) tagħha,

Billi:

- (1) Skont l-Artikolu 12(2) tal-Azzjoni Konġunta 2008/124/PESK, il-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (KPS) huwa awtorizzat, f'konformità mal-Artikolu 38 tat-Trattat, li jieħu d-deċiżjonijiet rilevanti bl-għan li jeżerċita l-kontroll politiku u d-direzzjoni strateġika tal-Missjoni tal-Unjoni Ewropea għall-Istat tad-Dritt fil-Kosovo (EULEX KOSOVO), inkluża d-deċiżjoni tal-ħatra ta' Kap ta' Missjoni.
- (2) Fit-12 ta' Ġunju 2014, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2014/349/PESK ⁽³⁾ li temenda l-Azzjoni Konġunta 2008/124/PESK u li testendi t-tul ta' żmien tal-EULEX KOSOVO sal-14 ta' Ġunju 2016.
- (3) Fid-9 ta' Ottubru 2014, il-KPS adotta d-Deċiżjoni 2014/707/PESK (EULEX KOSOVO/2/2014) ⁽⁴⁾ biex ħatar lill-Ambaxxatur Gabriele MEUCCI bħala Kap tal-Missjoni tal-EULEX KOSOVO sal-14 ta' Ġunju 2015.
- (4) Fil-15 ta' Ġunju 2015, ir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà pproponiet l-estensjoni tal-mandat tal-Ambaxxatur Gabriele MEUCCI bħala Kap tal-Missjoni tal-EULEX KOSOVO sal-14 ta' Ġunju 2016.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-mandat tal-Ambaxxatur Gabriele MEUCCI bħala Kap tal-Missjoni tal-Unjoni Ewropea għall-Istat tad-Dritt fil-Kosovo (EULEX KOSOVO) huwa b'dan estiż sal-14 ta' Ġunju 2016.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Hija għandha tapplika mill-15 ta' Ġunju 2015.

Magħmul fi Brussell, id-19 ta' Ġunju 2015.

Għall-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà

Il-President

W. STEVENS

⁽¹⁾ Id-denominazzjoni "Kosovo" ma tippreġudikax pożizzjonijiet dwar status, u hija konformi mal-UNSCR 1244(1999) u mal-Opinjoni tal-QIĠ dwar id-dikjarazzjoni tal-indipendenza tal-Kosovo.

⁽²⁾ ĠU L 42, 16.2.2008, p. 92.

⁽³⁾ Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/349/PESK tat-12 ta' Ġunju 2014 li temenda l-Azzjoni Konġunta 2008/124/PESK dwar il-Missjoni tal-Unjoni Ewropea għall-Istat tad-Dritt fil-Kosovo, EULEX KOSOVO (ĠU L 174, 13.6.2014, p. 42).

⁽⁴⁾ Deċiżjoni tal-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà 2014/707/PESK (EULEX KOSOVO/2/2014) tad-9 ta' Ottubru 2014 dwar il-ħatra tal-Kap tal-Missjoni tal-Unjoni Ewropea għall-Istat tad-Dritt fil-Kosovo, EULEX KOSOVO (ĠU L 295, 11.10.2014, p. 59).